**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 153/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Francis Mifsud**

**Illum, 7 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Francis Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' nru. 733454M;**
>
> Nakkużah talli nhar l-10 ta' Frar 2021 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u t-tmienja ta' filgħodu (07:00 Hrs u 08:00Hrs) ġewwa l-armier, il-Mellieħa;

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Borg skond kif iċċertifika Dr. Rachelle Attard Nru. Reġ. 4541 ta' l-Isptar Mater Dei;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Joseph Borg billi jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta' ħtija jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tall-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-lum ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li l-imputat inghata iz-zmien skont il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset illi fl-udjenza tal-lum l-imputat rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata zmien biex jerga' jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u ikkonferma li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, setghet iggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena idoneja fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in partikolari s-segwenti fatturi u cioe`: (a) In-natura u gravita' tar-reati addebitati lill-imputat u li ghalihom l-imputat ammetta; (b) L-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u (c) Il-fedina penali ta` l-imputat.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-imputat hati u (1) tikkundannah sentejn prigunerija illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tliet snin u (2) ai termini tal-Artiklu 412C tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tohrog Ordni ta’ Protezzjoni favur il-vittma Joseph Borg u l-familja tieghu ghal zmien hames snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x’jigri u l-konsegwenzi ghalih f’kaz li l-imputat ma jonorax dawn l-obbligi tieghu.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma esebitx il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur